TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Dorothy Zammit

vs

Ryan Galea ezercenti l-kummerc bhala My Stuff

CCT 165/17/MS

2 ta' Lulju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fid-19 ta' Settembru 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' mitt Euro, prezz ta' mobile mixtri minghand l-azjenda intimata, liema mobile kien difettuz.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn cahdet it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u li fi kwalunkwe kaz, jekk kien hemm hsara, din giet ikkawzata mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f' Marzu 2017 ir-rikorrenti xtrat mobile phone minghand My Stuff ghall-prezz ta' disgha u disghin Euro. Wara hmistax - il gurnata l-mobile beda jintefa b'dan illi r-rikorrenti kellha kull darba kienet taqla l-batterija biex terga' thaddmu. Apparti dan, ir-rikorrenti tghid li kien hemm ukoll diffett fil-camera. Wara tlett gimghat, ir-rikorrenti marret ghand l-azjenda intimata fejn halliet il-mobile ghandhom u dawn gew lura b'risposta illi l-hsara kienet fic-charging point, ikkawzata mill-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti ma accettatx din l-ispjegazzjoni u baqghet tinsisti illi l-hsara kienet fil-bidu nett peress illi l-mobile kien slow kif ukoll fil-batterija u mhux fic-charging point.

It-Tribunal ra l-verbal tal-11 ta' Dicembru 2017 fejn minkejja li l-kawza kienet ghal provi, hadd ma deher ghall-azjenda intimata u ghalhekk il-kawza giet differita ghal provi kollha tal-azjenda intimata ghal 5 ta' Marzu 2018.

Ra il-verbal tal-5 ta' Marzu 2018 fejn anke dik in-nhar, hadd ma deher ghall-azjenda intimata u t-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidra

Illi minghajr il-komfort tal-versjoni bil-gurament tal-azjenda intimata, it-Tribunal irrid bil-fors joqghod fuq l-unika versjoni li ghandu quddiemu, u cjoe' dik tar-rikorrenti. Dina spjegat kif xtrat mobile minghand is-socjeta' intimata, liema mobile ma bediex jiffunzjona sew wara biss hmistax - il gurnata li xtratu. L-ispjegazzjoni moghtija mill-azjenda intimata lil rikorrenti ma kenitx sodisfacenti ghaliha u baqghet tinsisti li tiehu l-flus lura.

Illi r-rapprezentant tal-azjenda intimata kellu kull opportunita' sabiex jipprezenta l-versjoni tieghu izda dana naqas u ghalhekk it-Tribunal m'ghandha xejn x'jikkuntrasta il-versjoni guramentata tar-rikorrenti.

Peress illi l-versjoni tar-rikorrenti mhijiex kontestata u hi probbabilment veritjera, grad ta' prova bizzejjed ghas-success tal-istanza taghha, dina tisthoqq li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba, jikundanna lill-azjenda intimata li jhallasha s-somma ta' mitt Euro (€100.00). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru